MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

Laqgħa b'Urġenza

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 83

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fil-Bini Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2018 fis-4.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sa Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sur Michael Debono - Accountant

AGENDA

83.1 Accounts as at Year end 2017

MINUTI

Is-Sindku Stephen Sultana ppresieda l-laqgħa.

83.1 Wara diskussjoni, il-Membri qablu unanimament li l-laqgħa ssir fil-4.30pm.

Kien hemm ukoll qbil li l-laqgħat anke dawk b'urġenza għandhom jissejjħu bejn il-5.30pm u s-7.30pm sakemm ma ikunx hemm qbil xort'oħra.

Il-membri qablu unanimament.

Is-Sindku stieden lill-Accountant, is-Sur Michael Debono, sabiex jagħti l-ispjegazzjoni tiegħu lill-membri tal-Kunsill.

Is-Sur Michael Debono spjega fid-dettal l-*Unaudited Financial* Statements 2017 lill-Membri tal-Kunsill sabiex l-istess *Unaudited Financial Statements* 2017 ikunu ppreżentati sat-Tnejn 19 ta' Frar, 2018 lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, lill-NAO u lill-Awdituri Mazars Malta.

Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona l-*Unaudited Financial Statements* filwaqt li s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku.

Il-membri kollha vvutaw favur dan ir-rapport u ma kienx hemm astensjonijiet jew voti kontra.

Fis-5.15 ta' filgħaxija, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa.

Ikkonfermati llum 23 ta' April, 2018.

IFFIRMATA

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATA

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv